newsbook
.com.mt

LOKALI

Iċ-ċaqliq minn raħal għall-ieħor qed inaqqas l-entużjażmu fil-festi

Catherine Aquilina - 23/09/14 08:31 AM

Minkejja li sa issa jidher li l-festi għadhom parti importanti mill-ħajja tal-irħula u l-ibliet Maltin, riċerka friska turi li ċ-ċaqliq minn raħal għall-ieħor qed iwassal biex iż-żgħażagħ jitilfu l-entużjażmu għall-festi.

Minn din ir-riċerka bl-isem ta' *Qalb Żagħżugħa, Festi Inklussivi*, ħareġ li l-imħabba u d-dedikazzjoni għall-festa tar-raħal qed tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Fil-fatt tliet kwarti taż-żgħażagħ (75.2%) jemmnu li l-imħabba lejn il-festa tar-raħal għaddewilhom il-ġenituri stess.

Għalissa jidher li "ċ-ċaqliq tan-nies minn raħal għall-ieħor mhux qed tħalli impatt kbir għax min jitwieled u jitrabba f'raħal partikolari xorta jibqa' jħoss li hu parti minn raħal twelidu" qal ir-riċerkatur Dr Andrew Azzopardi.

Madanakollu enfasizza li "minn dak li ra u sema' kollox qed jindika li daqs 25 sena oħra, se jonqsu sew l-imħabba u l-involviment taż-żgħażagħ fil-festi, tant li l-festa se tkun majnat sew".

Ir-riċerka kienet idea ta' Chris Schembri Baldacchino u Pauline Farrugia, żewġ żgħażagħ attivi fil-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba.

Fl-istudju ħadu sehem 532 żagħżugħ u żagħżugħa minn 15 sa 30 sena li u għal xi raġuni, ħafna għadhom tal-fehma li l-festa hi marbuta mal-klassi tal-ħaddiema u mhux mal-professjonisti.

Il-maġġoranza taż-żgħażagħ ammettew li grazzi għall-ħidma fil-festa, jħossuhom aktar parti mill-komunità.

"Waqt li ħafna tkellmu fuq il-festa bħalikieku hi xi tim tal-futbol, ħafna miż-żgħażagħ jaraw il-festa bħala

Like

mod ta' kif tista' tmur lil hinn mis-simboli pagani" tgħid ir-riċerka.

Kważi 2% taż-żgħażagħ li wieġbu għall-mistoqsijiet huma persuni b'diżabilità u ħafna minnhom qalu li l-għaqda tagħhom tagħmel minn kollox biex tinkludihom fil-ħajja tal-festa.

"Iżda xorta jibqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità f'Malta jemmnu li posthom mhuwiex fil-festa", temm jgħid Dr Azzopardi.

L-istudju hu kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm *Youth in Action*.

Għal aktar dettalji tista' tidħol fuq www.festiinklussivi.eu

0 Comments Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion…

Be the first to comment.

Subscribe Add Disqus to your site Privacy